## Tifkiriet mill-

# Bajja tar-Rinella

Qabel il-karozza saret parti mill-ħajja regolari tal-familja Maltija, għal ħafna min-nies tal-Kottonera, speċjalment Bormla u l-Kalkara, l-bajja sabiħa tar-Rinella kienet il-post fejn kienu jitgħallmu jgħumu. Faċli biex tintlaħaq u mżejna b'ramla ċkejkna u ħelwa kif ukoll b'inħawi blatin għal min kien irid jitgħallem kif jaqbeż u jgħum f'baħar fond.

Matul l-istaġun tas-sajf kont tara gzuz ta' familji bit-tfal mexjin mgħobbija bil-basktijiet bil-ħobż u l-fliexken tal-luminata, u gruppi tal-Mużew niżlin jew telgħin it-telgħa xi ftit jew wisq iebsa li hemm tifred il-bajja min-naħa ta' fuq tal-Kalkara. Għalkemm fil-Port il-Kbir, il-baħar kien ikun nadif biżżejjed u saħansitra joffri svog ukoll lil min kien dilettant tas-sajd taħt wiċċ l-ilma jew li jtella' rizzi, gandoffli, tamar minn ġol-ġebel fil-qiegħ u frott ieħor tal-baħar. Darba kien saħansitra daħal jiżfen denfil kbir li ġew jarawh l-eluf tan-nies sakemm gerrxuh lura 'l barra mill-bokka tal-port.

Għalina tal-Kalkara, l-bajja kienet qisha l-bajja famuża ta' Rio! Konna nafuha b'għajnejn magħluqa....il-Porvlista, r-ramla, t-Tavla, Ħdejn il-Baħri, u Taħt l-Ilsien, kollha ismijiet li x'aktarx kienu jafuhom u jgħiduhom biss il-Kalkariżi. Ma rridux ninsew li jmissu mal-Bajja tar-Rinella dak iż-żmien kien hemm inħawi ristretti tas-Servizzi Ingliżi, il-lidos ta' Bighi u taħt ir-Rikażli fejn setgħu jidħlu biss l-Ingliżi. Malta kienet għadha kolonja b'ħafna bċejjeċ minnha miċħudin għal niesha. Niftakar li meta konna nersqu lejhom b'xi ċattra li konna "nissellfu" mix-Xatt jew mir-Rinella, konna naslu sal-konfini ta' dawn il-*lidos* imbagħad jiġu mill-ewwel il-baħrin bil-lanċa jkeċċuna.

Iżda r-rabta tal-Kalkara u r-Rinella mal-Ingliżi ma kellhiex l-ikrah biss. Propju fid-daħla għall-istazzjon tal-Wireless li ken hemm fit-tarf tan-niżla (jew telgħa, skont minn fejn tħares lejha!) kien ikun hemm għassa 24 siegħa kuljum baħri. Min jaf, ta' tfal li konna, kemm iffittajnih biex nidħlu nixorbu minn vit fil-kmajra li kellu malli tidħol. Qatt ma qalilna le. Il-Bajja tar-Rinella kienet għadha fi stat selvaġġ u la kont issib ħwienet u lanqas bejjiegħa bil-vannijiet.



*L-awtur ta' madwar tnax-il sena qrib it-Tavla fil-Bajja tar-Rinella.*

Il-baħri tal-Wireless konna nsibuh ukoll pront jgħinna meta – u mhux rari – kien iweġġa' xi ħadd minna. Min ħġieġa f'saqajh, min qabeż u sab il-blat, min gidmitu brama, min weħlitlu sunnara f'sebgħu...u min qalagħha f'xi ġlieda bejn il-ħbieb. Anki meta kien jinqabad dieħel jew ħiereġ xi fizzjal Ingliż mill-istabbiliment, il-baħri qatt ma naqasna. Kienu jsellmu lil xulxin u dlonk jifhmu li kien hemm l-għajnuna x'tingħata lit-tfal.

Personalment kont doqt minn din il-ġenerożita meta darba jien u l-kuġin Victor, li kien jiġi jqatta' xi jiem magħna miż-Żejtun, iddeċidejna li ninżlu għall-bajja b'kemm kellna saħħa fuq il-biċikletta tiegħi, iżda meta ġejna biex nagħfsu l-brejkijiet dawn ma ħadmux u t-tnejn spiċċajna ġol-baħar quddiem il-baħri tal-għassa. Il-baħar f'dik il-parti kien baxx u mimli ċnagen kbar u blatiet li nqalgħu minn mal-ħajt u min rana naqgħu żgur li ma stenniniex nibqgħu f'sensina. Il-baħri kien qabeż mill-ewwel jagħtina l-ewwel għajnuna waqt li nies oħra nġabru madwarna jaraw x'kien baqa' minna. Fortunatament, kemm Victor u kemm jien qomna fuq saqajna mill-ewwel u, bil-għajnuna tal-baħri, tlajna lura fit-triq fejn kien hemm il-biċikletta li, bħalna, baqgħet kważi intatta.

Fil-Porvlista (msemmija ovvjament għall-bini tal-porvlista storika li għad hemm sal-lum) tgħallimt naqbeż fil-baħar. Propjament qabbiżni missieri għal ġol-ilma, imma tgħallimt. Qabel dik il-magħmudija tan-nar, kont ngħum biss fir-Ramla fejn kienet teħodni ommi li ma kinitx taf tgħum. Ma ninsa qatt is-salvawomu tan-Navy Ingliża li kelli qisu serp oħxon imdawwar ma' żaqqi b'ħafna ħbula u pajpijiet.

Fit-Tavla, mbagħad, bħala żgħażagħ u adoloxxenti, konna "niggradwaw" għall-għawm flimkien, tfajliet u ġuvintur. Kien hemm qatgħa ta' blat kbira biżżejjed biex tilqagħna hekk kif konna ninfexxew ngħumu u naqbżu, nilagħbu u nixxemxu. Dan il-post, iżda, eventwalment kien tilef ħafna mill-faxxinu tiegħu meta sar il-proġett tat-*tank-cleaning farm* tar-Rikażli u bdew isorġu fil-qrib it-tankers kbar taż-żejt, b'detriment għall-kwalità tal-baħar.



***1973:** L-awtur fil-bajja meta kienet għadha fl-istat selvaġġ ta' tfulitna.*

Ftit passi bogħod mit-Tavla kien hemm Taħt l-Ilsien. Minn hemmhekk, l-aktar avventurużi fostna kienu jmorru fl-aħħar tal-ħadid li kien hemm fit-telgħa li tagħti għall-fortizza tar-Rikażli biex jaqbżu minn fuq l-ilsien ta' blat ħiereġ minn għoli ġmielu, dejjem bir-riskju li ma jirnexxilhomx jevitaw il-parti baxxa tal-baħar. L-unika darba li niftakar li ġrat kienet meta baħri Ċiniż minn fuq tanker li kien sorġut fil-bajja ipprova jagħmel bħalna u spiċċa b'qiegħ ta' flixkun tal-ħġieġ f'rasu. Konna tellajnih it-Tavla u morna niġru għand il-baħri tal-Wireless li ċempel mill-ewwel għall-għajnuna mill-Isptar Bighi li dak iż-żmien kien għadu qed jiffunzjona. Dak l-inċident imdemmi kien urieni kemm kont għaqli li ma kontx naqbeż għal rasi minn fuq l-ilsien, bħallikieku li waqajt fil-parti baxxa saqajja kienu se jibqgħu f'posthom........

Il-Bajja tar-Rinella, iżda, ma kinitx baħar biss. Fix-xhur tax-xitwa konna nħobbu mmorru ta' sikwit nesploraw il-katakombi ta' taħt ir-rampa kbira li hemm tħares għal fuq il-bajja. Kienet avventura oħra tat-tfal għax il-katakombi mhux biss kienu perikolużi minħabba l-istat tagħhom, iżda anki minħabba li faċli stajt tintilef fihom. Konna nimmarkaw b'xi taħżiża minn kull fejn konna ngħaddu, bit-torċ f'idejna u ngħassu sew għall-partijiet b'soqfa esaġeratament baxxi.

L-aħħar darba li morna fihom kien propju meta lħaqna dik l-età li kienet tagħtina l-libertà noħorġu mill-konfini tal-Kalkara u nibdew niskopru d-dinja ta' madwarna. Mhux immorru f'xi ġungla jew deżert, iżda l-Birgu, Bormla, l-Isla u, meta kien ikollna flus biżżejjed, il-Belt jew Raħal Ġdid.
F'dik l-aħħar żjara lill-katakombi (aktar 'il ġewwa minnhom kien hemm il-famuż katakombi "Ta' Ġużeppi" fejn kien jingħad li nqatel żagħżugħ minn kuġinuh stess) konna ħaffirna toqba fl-art ta' waħda mill-kmajriet qishom igloos tal-Eskimos li hemm fil-katakombi u fiha poġġejna landa żgħira b'karta ffirmata minna lkoll, appartí li lkoll kemm konna, erbgħa jew ħamsa, tfajna wkoll sold kull wieħed, dejjem bil-għan li xi darba...xi darba... nerġgħu mmorru u, billi nużaw il-mappa li ħażżiżna ta' malajr, insibu dik il-landa midfuna. Safejn naf jien, hemm għadha!

Ma tistax tikteb dwar il-Bajja tar-Rinella mingħajr ma ssemmi wkoll il-kwartieri tas-suldati Ingliżi li kienu jgħixu hemm bil-familji tagħhom, iċ-ċimiterju ta' Wied Għammieq u l-foss taħt ir-Rikażli fejn, qabel sar il-proġett tat-*tank-cleaning*, kien hemm simenta li minnha għamilna speċi ta' grawnd tal-futbol. Konna nsejħulu Ditch Park (ara ritratti).



## Charles Flores

Imwieled il-Kalkara, huwa attenda korsijiet ta' diploma fix-xandir tal-aħbarijiet u fil-ġurnaliżmu miktub barra minn xtutna. Okkupa diversi karigi fix-xandir tal-istat, fosthom ta' Kap tat-taqsima tal-aħbarijiet. Ippubblika diversi antoloġiji ta' poeżiji, fosthom il-ktieb "A Voice from Kalkara" (1974) u l-aħħar pubblikazzjoni "Arloġġ ta' Darba".

Il-Fortizza tar-Rikażli kienet bħal kalamita għalina. Apparti li fiha kien hemm grawnd tajjeb tal-futbol li fih lgħabt mat-tim tal-Azzjoni Kattolika li kien imexxi l-mibki Dun Salv Mallia. Kellna flokkijiet bil-kaxxi kbar ħodor u bojod qishom tar-Rugby. Waħda mil-logħbiet memorabbli kienet kontra t-tfal tas-suldati u fizzjali stazzjonati hemmekk. Konna rbaħnilhom 6-1, iżda kellna naħarbu minn hemm bil-ġiri hekk kif is-suldati, xurbana sew, bdew jixħtulna l-fliexken tal-birra mit-terazzini li kien hemm iħarsu għal fuq il-grawnd. Dun Salv ma damx jaħsibha, kien qalilna jgħajjat: "kulħadd jiġri b'kemm jiflaħ għall-Kalkara!".





***Snin 60:** Żewġ waqtiet akkaniti minn logħba futbol f'"Ditch Park" fil-foss tar-Rikażli.*

Wara xi snin ta' abbandun, illum il-Bajja tar-Rinella reġgħet ħadet il-ħajja. Il-proġetti ta' tisbiħ li saru fiha u t-tkabbir tar-ramla għenu mhux ftit biex in-nies reġgħet bdiet issib l-isvog tagħha fiha...bħal dari. Iż-żgħażagħ tal-lum qed igawdu l-faċilitajiet tat-tennis fejn qabel kien hemm l-istabbiliment tal-Wireless. Meta ngħaddi minn hemm għadni sal-lum nittawwal u nistenna li se nara lill-baħri għassa...............